Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2062

31.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2062

tat-30 ta' Lulju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari, l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.

(3) Il-lista tal-Unjoni stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 tinkludi ż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna aċidu dokosaeżaenojku ("DHA") u aċidu ejkosapentaenojku ("EPA"), bħala ikel ġdid awtorizzat.

(4) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), iż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA ġie awtorizzat li jitqiegħed fis-suq bħala ikel ġdid biex jintuża f'għadd ta' oġġetti tal-ikel.

(5) Fit-30 ta' Jannar 2024, il-kumpanija DSM Nutritional Products Ltd. ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 għal bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel il-ġdid, żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA. L-applikant talab li l-livelli tad-DHA jitbaxxew mil-livell awtorizzat attwali ta' 22,5 % jew aktar għal 15,0 % jew aktar.

(6) L-applikant iġġustifika t-talba għall-bidliet proposti fl-ispeċifikazzjonijiet billi qal li huma relatati mal-ottimizzazzjoni tan-nutrijenti tal-fermentazzjoni u mal-kundizzjonijiet tal-manifattura. It-tnaqqis li rriżulta fil-livelli tad-DHA fil-prodott kien maħsub u mistenni, u huwa r-riżultat tat-titjib u tal-ottimizzazzjoni tal-produzzjoni, prinċipalment minħabba aġġustamenti żgħar fil-fażi tal-fermentazzjoni, filwaqt li passi oħra tal-ipproċessar jibqgħu l-istess. L-applikant indika wkoll li l-bidla mitluba fl-ispeċifikazzjonijiet taż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA ma taffettwax is-sikurezza tal-ikel ġdid.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2283/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2470/oj).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/258/oj).

(7) Il-Kummissjoni tqis li l-aġġornament mitlub tal-lista tal-Unjoni dwar il-bidla fl-ispeċifikazzjonijiet taż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA proposta mill-applikant mhuwiex mistenni li jkollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem u li mhijiex meħtieġa evalwazzjoni tas-sikurezza mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Il-bidla mitluba fl-ispeċifikazzjonijiet tikkonċerna livelli aktar baxxi ta' DHA minn dawk ivvalutati qabel mill-Awtorità ([4]) bħala sikuri. Din ir-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għaż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA tikkonċerna l-bidla ta' parametru wieħed biss, il-livell tad-DHA, filwaqt li l-parametri l-oħra tal-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu l-istess.

(8) L-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni u fis-"Scientific Opinion on the extension of use for DHA and EPA-rich algal oil from *Schizochytrium* sp. as a Novel Food ingredient" tal-Awtorità tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid huma f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283 u jenħtieġ li jiġu approvati.

(9) Għalhekk, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Scientific Opinion on the extension of use for DHA and EPA-rich algal oil from Schizochytrium sp. as a Novel Food ingredient (*EFSA Journal* 2014;12(10):3843).

ANNESS

Fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, l-entrata għall-ikel ġdid Żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA hija sostitwita b'dan li ġej:

Ikel ġdid awtorizzat	Speċifikazzjoni
"**Żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA**	Valur aċiduż: ≤ 0,5 mg KOH/g Valur tal-perossidu (PV): ≤ 5,0 meq/kg ta' żejt Stabbiltà tal-ossidazzjoni: Il-prodotti kollha tal-ikel li fihom iż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. li fih ħafna DHA u EPA jenħtieġ li juru l-istabbiltà tal-ossidazzjoni permezz ta' metodoloġija tal-ittestjar nazzjonali/internazzjonali xierqa u rikonoxxuta (eż. AOAC) Indewwa u sustanzi volatili: ≤ 0,05 % Materjal insaponifikabbli: ≤ 4,5 % Aċidi xaħmin trans: ≤ 1 % Kontenut ta' DHA: ≥ 15 % Kontenut ta' EPA: ≥ 10 %"